**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 533/2017PA**

**Fast Track Logistics Co. Limited**

**vs**

**James Stagno Navarro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat fl-24 ta' Novembru 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, tlett mija, sitta u sebghin Ewro (€4,376) dovuti lilha kwantu ghal €280 *learning permits*, €400 testijiet, €656 hlasijiet ta' gimgha numru 36, €91.83c *premium* tal-assikurazzjoni, €1,299 danni fil-vettura u €1,650 spejjez tat-tahrig, bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Riposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li (i) preliminarjament, it-talba attrici hija intempestiva billi l-konvenut qatt ma gie inteprellat b'ittra ufficjali dwar il-pretensjonijiet u t-talbiet attrici, u ghalhekk l-esponent ma ghandux bizzejjed

informazzjoni dwar it-talba attrici; (ii) minghajr pregudizzju, il-konvenut jirrespingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; (iii) minghajr pregudizzju, il-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni; (iv) minghajr pregudizzju, jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova dak allegat minnha, inkluz l-ammonti li qieghda tallega li huma dovuti, u konsegwentement dak reklamat qed jigi kontestat; (v) minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ma ghandux jigi kundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura.

Sema' x-xiehda tal-partijiet, u tax-xhieda mressqa minnhom.

Ra d-dokumenti ezibiti minnhom.

Ra li, fl-udjenza tal-10 ta' April 2018, is-socjeta' attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' erbat elef, mitejn, sitta u ghoxrin Ewro (€4,226), wara li naqqset it-talba taghha ghar-rifuzjoni tal-ispiza tat-tahrig b'mija u hamsin Ewro (€150).

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

**Amri Mohammed**[1], direttur tas-socjeta' attrici, xehed li s-socjeta' attrici tghallem is-sewqan. Ghandha l-impjegati taghha li jaghmlu dan ix-xoghol. Il-konvenut kien impjegat maghha bhala ghalliem tas-sewqan, b'effett mill-ahhar ta' Frar 2017. Qal li, minhabba d-diffikulta' li ssib ghalliema licenzjati u mharrga lesti, is-socjeta' attrici ghamlet arrangament mal-ETC biex timpjega nies mhux mghallma u lanqas licenzjati. It-tahrig jiswa bejn €1,000 u €2,000.

Dwar il-konvenut, Mohammed qal li ma kien jaf xejn meta mpjegatu s-socjeta' attrici. It-tahrig idum bejn tlieta u seba' xhur. Lill-konvenut is-socjeta' attrici offrietlu li ma jhallashiex tat-tahrig, pero' jahdem erba' snin maghha. Tatu tahrig li swielha €1,600.

[1] Ara xiehda, 17.1.2018, fol. 10 sa 13

Ipprovdietlu karozza gdida assikurata *third party*, bl-ghazla li jzid il-koperatura bi spejjez tieghu. Din l-ghazla l-konvenut hadha wara li kellu incident, u ghalhekk is-socjeta' attrici ziditlu l-kopertura fuq talba tieghu bi spiza ta' €91. Din l-ispiza hallsitha hi u l-konvenut qatt ma rrimborsaha, l-istess bhall-ispiza tat-tahrig. Lanqas hallasha tal-hsara li kkaguna lill-vettura fl-incident li kellu, meta baqa' diehel f'vettura ohra waqt lezzjoni. Din l-ispiza giet tammonta ghal €1,299.

Mohammed qal li sar jaf li l-konvenut telaq mill-impjieg li kellu mas-socjeta' attrici ghaliex sab il-vettura pparkjata, bic-cwievet fiha, quddiem il-garaxx taghha. Qal li ma avzahomx dwar it-terminazzjoni. Kellu xi jghid ma' *manager* tas-socjeta' attrici ghaliex ma rritornax dokumentazzjoni tal-kumpanija li gabar minghand klijenti, u ma rritornax flus li gabar minghand klijenti taghha. Wara t-terminazzjoni, is-socjeta' attrici ma setghetx titkellem mal-konvenut ghaliex qata' kull komunikazzjoni maghha, u ghalhekk bdiet tinvestiga x'kellu pendenti.

Ix-xhud spjega li min jitghallem isuq jimpla applikazzjoni u jhallas €50 fil-bidu, u fl-ahhar jimla applikazzjoni ohra biex jitla' ghat-*test* u jhallas €80. Dan kollu l-klijent jghaddihom lill-ghalliem tas-sewqan, impjegat mas-socjeta' attrici, li ghandu jghaddihom lill-kumpanija. Meta telaq il-konvenut mill-imjieg li kellu mas-socjeta' attrici, din skopriet li kien zamm ghandu €280 tal-permessi tas-sewqan ta' klijenti, u €400 tat-testijiet. Ix-xhud spjega wkoll li s-socjeta' attrici ghandha sistema li biha tkun taf fejn qeghdin il-karozzi taghha mal-gurnata tax-xoghol, u fl-ahhar tal-gimgha tohrog rapport ghal kull *instructor* u tigbor il-flus minghandu. Il-flus li gabar matul il-gimgha meta l-konvenut abbanduna l-impjieg tieghu ma rritornahomx lis-socjeta' attrici, ammontanti b'kollox ghal €650.

Ix-xhud qal li baghat diversi messaggi lill-konvenut biex ikellmu, pero' qatt ma rrispondieh.

Amri Mohammed pprezenta diversi dokumenti, senjatament (i) kuntratt tax-xoghol datat 1 ta' Jannar 2017 (Dok. AM1, fol. 14); (ii) ittra datata 18 ta' Mejju 2017

dwar l-ispiza tat-tahrig (Dok. AM2, fol. 19); (iii) ittra ohra datata 26 ta' April 2017 dwar l-istess spiza (Dok. AM3, fol. 20); (iv) fattura ghall-kopertura mizjuda tal-vettura li kien jahdem biha l-konvenut (Dok. AM4, fol. 21); (v) *survey report* tal-vettura datat 11 ta' Settembru 2017 (Dok. AM5, fol. 27); u (vi) skedi u korrispondenza dwar flejjes tas-socjeta' attrici li allegatament zamm ghalih il-konvenut (Dok. AM6 u AM7).

In kontroezami, Amri Mohammed iccara li l-arrangament li s-socjeta' attrici ppruvat taghmel mal-ETC filfatt ma kienx sar. Dwar id-diskrepanza bejn is-somma ta' €1,650 li s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut, u s-somma ta' €1,500 li tissemma fir-rigward fil-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut, ix-xhud spjega li d-diskrepanza hija dovuta ghat-traskuragni tal-konvenut li kellu jitla' aktar minn darba ghat-*test* qabel ghadda. Dan kien xi xahar qabel il-konvenut spicca mill-impjieg.

Dwar il-flus tat-testijiet li s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut, ix-xhud qal li dawn huma flus li l-konvenut lahaq gabar minghand klijenti assenjati lilu mis-socjeta' attrici, li suppost ikkonsenjalha, pero' baqghu ghandhom. Huwa kellu jigbor kemm il-hlas tar-registrazzjoni (€50) u anke l-hlas tat-test (€80) minghand il-klijenti. [2]

Ix-xhud ammetta li sal-lum, il-karozza li biha kien jahdem il-konvenut ghadha ma ssewwietx, u qal li l-hlas li qed jintalab huwa dak dovut skond ir-rapport tas-*surveyor*. Bl-*excess* li hallas il-konvenut, il-kumpanija assikuratrici hallset lit-terzi li garrbu hsarat kagun tal-impatt li gara tort tal-konvenut.

Rinfaccjat b'kuntratt tal-impjieg iffirmat mill-konvenut, bla data, ezibit bhala Dok. JSNX[3], ix-xhud qal li l-konvenut l-ewwel iffirma kuntratt, li bih kien marbut ghal erba' snin minghajr obbligu ta' rifuzjoni tal-ispiza tat-tahrig, imbaghad iffirma iehor li bih ma baqax soggett ghal dik ir-rabta. Il-kuntratt ezibit mill-konvenut jinghata lil ghalliem ga kwalifikat, u li ma jkollux bzonn tahrig.

---

[2] Ara skeda pprezentata mis-socjeta' attrici, fol. 95

[3] Fol. 91 sa 93

Is-socjeta' attrici ressqet b'xhud taghha lill-konvenut **James Stagno Navarro**[4]. Huwa ddikjara li l-ammont li qed titlob minghandu s-socjeta' attrici huwa ezagerat. Ammetta li ghandu jaghtiha xi flus, imma qal li dan mhux kemm qed titlob. Accetta wkoll li ghandu jirrifondiha bl-ispiza tat-tahrig. Fuq il-hsara fil-vettura, qal li hallas €250 *excess*, ghalkemm ma kienx jaf jispjega x'kienu. Il-konvenut accetta wkoll li ghandu jhallas id-differenza biex il-koperatura assikurattiva zdiedet ghal *comprehensive*. Huwa ddikjara li l-flus li gabar fil-gimgha li fiha abbanduna l-impjieg hallihom fil-*glove compartment* tal-vettura, go *wallet* apposta. Qal ukoll li ma kien avza lil hadd li halla l-flus hemm. Qal li jikkalkula li ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici €1,500 tat-tahrig, filwaqt li ma ftakarx kemm kien fadallu jhallas lis-socjeta' attrici mill-flus li gabar ghall-permessi u t-testijiet minghand il-klijenti. Fuq domanda tat-Tribunal, qal li ma kienx hemm raguni ghalxhiex dawn il-flus li jirrikonoxxi li ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici baqa' ma tahomlhiex. Accetta wkoll li l-incident li kellu bil-vettura tax-xoghol sehh b'tort tieghu.

Meta rega' xehed il-konvenut, minn jeddu[5], huwa qal li jiftakar li ffirma kuntratt wiehed biss, u mhux tnejn, u l-kuntratt li ffirma huwa dak li kellu kopja tieghu hu[6]. Qal li jiftakar li kellu kundizzjoni li, jekk jitlaq mill-impjieg qabel jghaddu erba' snin, irid jirrifondi lill-principal tieghu l-ispejjez tat-tahrig. Pero' mill-bqija ma jiftakar xejn fuq *learning permits*, li qal li jiswew €50. Il-konvenut xehed li, ghall-ezami tas-sewqan, tela' xi darbtejn jew tlieta, u l-ahhar wiehed hallsu hu. Qal li ma jafx jekk il-hlas ta' €400 li qed jitolbuh hux tieghu jew ta' haddiehor, filwaqt li qal li halla s-somma ta' €656 li qed titolbu s-socjeta' attrici fil-*glovebox* tal-karozza. L-ispiza zejda biex is-socjeta' attrici ziditlu l-kopertura tal-vettura li kien isuq qal li ma jafx ghandux ihallasha, ghalkemm iddikjara li hekk gara filfatt.

Dwar l-ispiza tal-hsarat fil-vettura, il-konvenut qal li dawn huma eccessivi. Accetta li kellu incident, li kien jahti ghalih hu u li l-vettura garrbet il-hsarat li jidhru fir-

[4] Ara xiehda, 17.1.2018, fol. 47
[5] Ara xiehda 24.4.2018
[6] Fol. 91 et seq.

ritratti tas-*Survey Report*[7], pero' insista li l-hsara kienet fil-*bumper* biss u l-istima tas-*surveyor* hija ferm anqas milli qed titlob minghandu s-socjeta' attrici. Il-konvenut accetta li ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somom ta' €824.02c ghall-hsarat fil-vettura, u €1,500 ghat-tahrig.

In kontroezami, il-konvenut accetta li kien jigbor €50 minghand il-klijenti tas-socjeta' attrici ghall-*learning perimit*, u €80 ghat-*tests*, pero' ma jafx jekk il-flus kollha li lahaq gabar irritornahomx lis-socjeta' attrici inkella zammx minnhom. Qal li halla l-flus fil-*glove compartment* tal-vettura fis-sahna tal-mument, meta ddecieda li jitlaq.

Il-konvenut James Stagno Navarro ressaq b'xhud tieghu lil **Julian Vassallo**,[8] *motor vehicle assessor* mal-Mapfre Middlesea.

Vassallo xehed li, fil-25 ta' Awissu 2017, kienu hadulu vettura bin-numru ta' registrazzjoni OQZ 403 biex jispezzjona l-hsara li kien fiha. Qal li l-hsarat kienu fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura, senjatament daqqa fuq il-*bumper* ta' quddiem, li kienet tali li kellu jinbidel, bl-attrezzaturi ancillari tieghu bhall-*mountings*, *clips* u xibka. Ma kienx jaf jghid kif gara l-incident, u lanqas jekk il-vettura ssewwietx. Hu hareg stima tal-*parts*. Il-*bumper* qal li kellu jinbidel ghaliex huwa tal-plastik u l-grif li kellu ma setghux jissewwew. Fejn jikklippja kien imqaccat ukoll. Din il-vettura partikolari kienet gdida.

Xehdet ukoll **Erika Bartolo**,[9] mill-*Claims Department* tal-Mapfre Middleasea. Qalet li l-vettura OQZ 403 hija tat-tip Citroen, u kienet assikurata mal-Middleasea *third party only* fl-20 ta' Gunju 2017 meta gara l-incident. Wara, il-kopertura taghha zdiedet ghal *comprehensive*. Hija kkonfermat li d-differenza fil-prezz tal-koperatura kienet ta' €91.83c u thallset mis-socjeta' attrici. Il-*claim* in kwistjoni kienet tirrigwardja habta *bumper* to *bumper*. Meta regghet xehdet[10], hija kkonfermat li bejn dakinhar u l-25 ta'

[7] Ara wkoll Dok. ABX1, fol. 98 sa 102
[8] Ara xiehda, 21.2.2018, fol. 72
[9] Ara xiehda, 21.2.2018, fol. 74
[10] Ara xiehda, 20.3.2018, fol. 84

Awissu 2017 ma kienx hemm aktar *claims* dwar din il-vettura. Ix-xhud prezentat kopja tal-*claim form*[11] in kwistjoni.

Il-konvenut ressaq ukoll b'xhud tieghu lil **Paul Ciappara**,[12] direttur manigerjali ta' Eurostar Automative Repair Centre, li ddikjara li t-tiswijiet fuq il-vettura OQZ 403 ma gewx ezegwiti mill-kumpanija mmexxija minnu.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawza li s-socjeta' attrici qed taghmel kontra l-konvenut, li kien impjegat maghha ghal xi zmien matul is-sena 2017, ghal flejjes appartenementi lilha li allegatament zamm ghandu, u ghal rifuzjonijiet ta' spejjez li tirritjeni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut skond il-kuntratt tax-xoghol tieghu, u l-ligi.

Essenzjalment, is-socjeta' attrici qed titlob li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somom li gejjin: (i) €1,500 tat-tahrig; (ii) €1,299 danni fil-vettura li kien jahdem biha; (iii) €91.83c spiza addizzjonali biex il-kopertura assikurattiva tieghu ghall-vettura li kien isuq zdiedet, fuq talba tieghu; (iv) €656 hlasijiet li allegatament gabar minghand klijenti fil-gimgha li fiha abbanduna l-impjieg; (v) €680 hlasijiet ta' permessi u mizati tal-ezami li gabar minghand klijenti tas-socjeta' attrici u li ma ghaddihomlhiex.

Min-naha tieghu, anke jekk qajjem kwistjoni fuq liema kuntratt kien jirregola l-impjieg tieghu – jekk hux dak li pprezentat is-socjeta' attrici datat 1 ta' Jannar 2017, inkella dak li jiftakar li ffirma hu, u li kellu kopja tieghu, li mhux datat – il-konvenut irrikonoxxa li kien obbliga ruhu li jirrifondi lis-socjeta' attrici l-ispiza ta' €1,500 li nefqitlu biex harrgitu f'dan ix-xoghol jekk ma jaghtihiex is-servizz tieghu ghal zmien erba' snin. Il-konvenuta accetta wkoll li ghandu jhallas din is-somma lis-socjeta' attrici, ghax filfatt abbanduna x-xoghol qabel ghadda dak iz-zmien.

---

[11] Dok. EB1, fol. 78
[12] Ara xiehda, 21.2.2018, fol. 76

Il-konvenut irrikonoxxa wkoll li kien talab lis-socjeta' attrici zzidlu l-kopertura assikurattiva tal-vettura li kien isuq, u li baqa' ma hallashiex tal-ispiza relattiva.

Kwantu ghall-incident li s-socjeta' attrici tghid li l-konvenut kellu bil-vettura tas-socjeta' attrici, u l-hsarat li din garrbet f'dak l-incident, il-konvenut jammetti li kien involut f'incident b'din il-vettura, u li hu kien accetta li kien jahti wahdu ghal dak l-incident, pero' jikkontendi li l-hlas li s-socjeta' attrici qed tippretendi minghandu fir-rigward huwa eccessiv, anke ghaliex huwa kien effettivament hallas l-*excess* taht il-polza tal-assikurazzjoni.

It-Tribunal jinsab moralment konvint, fuq bilanc ta' probabiltajiet, kemm li s-socjeta' attrici ma rkupratx l-ispiza biex tissewwa din il-hsara, u anke li l-hlas mehtieg biex isiru t-tiswijiet huwa dak mitlub minnha minghand il-konvenut. Jirrizulta pruvat, anke mix-xiehda tar-rapprezentant tas-socjeta' assikurattiva, li fil-mument tal-incident, din il-vettura kienet assikurata biss ghal danni lil terzi, u mhux ghall-hsarat li ggarrab hija stess. Barra minn hekk, irrizulta li din il-vettura kienet ghadha relattivament gdida, filwaqt li t-Tribunal ma ghandux quddiemu ragunijiet oggettivi ghalxhiex ghandu jiskarta l-istima tal-hsarat li ghamel is-*surveyor* Julien Vassallo.

Jifdal imbaghad il-kwistjoni tal-flejjes li s-socjeta' attrici tghid li l-konvenut gabar f'isimha u fl-interess taghha minghand klijenti taghha – mizati tal-lezzjonijiet, u spejjez tal-permessi u l-ezamijiet – u li tghid li baqghu qatt ma waslu ghandha. Is-socjeta' attrici tghid li dawn jammontaw b'kollox ghal €1,336 (elf tlett mija u sitta u tletin Ewro), filwaqt li l-konvenut jghid li l-flus li lahaq gabar, b'mizati tal-lezzjonijiet, ghas-socjeta' attrici hallihomlha f'*wallet* apposta fil-*glove compartment* tal-vettura meta abbanduna l-impjieg tieghu.

Is-socjeta' attrici pproduciet rapporti mis-sistema interna taghha dwar min kienu l-klijenti taghha assenjati lill-konvenut, li ghaddewlu hlasijiet fil-gimgha li fiha abbanduna l-impjieg tieghu, u li hi tghid li qatt ma waslu ghandha. Bl-istess mod, hija pprezentat korrispondenza li rceviet minghand klijenti ohra li hallsu ghall-permess biex

jitghallmu jsuqu, jew ghall-ezamijiet, u li l-flejjes taghhom tghid li qatt ma waslu ghandha.

Wara li ra l-provi kollha prodotti, u sema' d-difizi u l-ispjegazzjonijiet li kellu x'jaghti l-konvenut, it-Tribunal huwa moralment konvint, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-konvenut naqas fil-konfront tal-principal li kellu, u li ghandu jirrifondi s-somom shah mitluba lis-socjeta' attrici. It-Tribunal fehem li l-konvenut ma apprezzax bizzejjed ir-responsabbiltajiet li kien igorr fl-impjieg li kellu, mhux biss lejn il-principal tieghu li fdatu bi hwejjigha, u bil-klijenti taghha, imma wkoll lejn it-terzi li kien jipprovdilhom is-servizzi tieghu taht il-kappa tas-socjeta' attrici. Anke lil hinn mill-obbligi kuntrattwali li kellu mas-socjeta' attrici – li jipprovdilha servizz ghal zmien determinat talli tghallmu x-xoghol taghha – il-konvenut kellu obbligu li jippreserva l-assi tas-socjeta' attrici, li kienu jinsabu fil-pussess tieghu biex jipprovdi s-servizz lill-klijenti taghha. Dan l-obbligu kien jitlob, fost ohrajn li, meta jiddeciedi li jtemm ir-relazzjoni li kellu maghha, jippreserva bl-ahjar mod dak kollu li kien jappartjeni lilha, u li kien ghadu fil-pussess tieghu, filwaqt li jara li jirritornahomlha b'sigurta', u minghajr dewmien. Dan l-obbligu t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas serjament minnu meta qabad u halla l-flus li gabar ghas-socjeta' attrici – kienu hemm kienu – fil-karozza nnifisha, minghajr ma sakkarha, u minghajr ma avza lis-socjeta' attrici b'dan kollu.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef mitejn u sitta u ghoxrin Ewro (€4,226), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas shih effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**GUDIKATUR**